MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 7/1999/1

Joseph u martu Carmen Cauchi.

vs

Ignazio sive Nazju u martu
Maria Assunta Pace.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi fis-27 ta’ Lulju 1997, Carmel Cauchi ġie aggredit mill-konvenut waqt illi kien qiegħed isuq iż-żiemel tiegħu ghal ħabta ta’ l-erbgħa ta’ wara nofs inhar (4.00 pm) fi triq Gnien is-Sultan, limiti ta’ Victoria, Għawdex;

Illi per konsegwenza ta’ din l-aggressjoni, Carmel Cauchi sofra feriti gravi (ksur ta’ imnieħru) u sfreġju illi rrendewh mhux kapaċi jattendi għal xogħlu għal zmien pjuttost twil,

u inoltre kkaġunawlu debilita' permanenti kif jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzoni tal-kawża;

Illi per konsegwenza tas-suespost l-atturi sofrew danni emerġenti u lukri ċessanti kf jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;
Illi l-atturi interpellaw lill-konvenut jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni, iżda inutilment.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara lilek Ignazio Pace, u lilek konvenuta Maria Assunta Pace qua komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma' żewgek, responsabli għall-inċident illi inqala' fi triq Gnien is-Sultan, limiti ta' Victoria, Għawdex fis-27 ta' Lulju, 1997, għal ħabta T' L-4.00p.m. meta inti Ignazio Pae aggredejt lill-attur;

2. tiddikjara illi għaldaqstant intom tenuti tirriżarċixxu d-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' dan l-inċident;

3. Tillikwida dawn id-danni billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emerġenti u lukri ċessanti illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Tikkundannakom tħallsu lill-atturi dawn id-danni kif hekk likwidati.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali preżentata f'Ottubru 1998, kontra tagħkom.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Joseph Cauchi.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi fl-ewwel lok Maria Assunta Pace għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u dana

peress illi hija m'ghandha l-ebda locus standi f'din il-kawża peress illi d-danni riklamati huma ta' natura naxxenti minn kulpa "aquiliana" u għalhekk l-istess Maria Assunta Pace qatt ma kellha tiġi ċitata f'din il-kawża;

2. Illi mingħajr l-ebda preġudizzju għal premess, l-attur, innifsu kien ħati ta' provokazzjoni u aggressjoni fil-konfront tal-konvenut Pace, kif jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smiegħ tal-kawża;

3. Illi fit-tielet lok, l-istess attur ma sofra l-ebda danni u l-ebda debilita' permanenti, kif jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smiegħ tal-istess kawża.

Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Ignazio Pace.

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' April 1999 fejn innominat lill-kirurgu Mr. Frederick Zammit Maempel bħala espert mediku biex, wara li jeżamina lill-attur, jirrelata dwar il-kundizzjoni medika tiegħu.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert mediku, ippreżentata fid-29 ta' Jannar 2001 u minnu maħlufa fl-14 ta' Settembru 2005.

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Lulju 2000 fejn innominat lill-kirurgu Mr. John Pace Balzan u lill-oftalmologu Dr. Mario Bonnici, bħala esperti mediċi ukoll biex jirrelataw dwar xi debilitajiet oħra li jista' qed isofri minnhom l-attur.

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' April 2002 fejn irrevokat l-inkarigu ta' Dr. Mario Bonnici u ssostitwietu fl-istess inkarigu bit-tabib Dr. Mario Tabone.

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Ottubru 2002 fejn irrevokat l-inkarigu tat-tabib Dr. Mario Tabone u ssostitwietu bit-tabib Dr. Franco Mercieca.

Rat ir-rapport ta' l-espert mediku Mr. John Pace Balzan ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2001 u minnu maħluf fit-28 ta' Novembru 2005.

Rat ir-rapport ta' l-oftalmologu Dr. Franco Mercieca datat il-25 ta' Novembru 2009 u minnu maħluf fit-23 ta' Marzu 2011.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi din hija azzjoni fejn l-atturi qed jirreklamaw mingħand il-konvenuti d-danni minħabba allegata debilita' permanenti kkaġunata fuq il-persuna ta' l-attur per konsegwenza ta' ġlieda li seħħet bejn l-attur u l-konvenut waqt tiġrija taż-żwiemel.

Il-konvenuti jiċħdu r-responsabilita' għal dan l-inċident u jallegaw li dak li ġara kien kollu tort tal-provokazzjoni u aggressjoni ta' l-attur innifsu. Jiċħdu ukoll li l-attur sofra xi debilita' permanenti. Preliminarjament il-konvenuti jikkontendu li Maria Assunta Pace m'għandha l-ebda *locus standi* f'din il-kawża. Din hija kawża għad-danni *ex delicto* in segwitu għal ġlieda li nqalgħet bejn l-attur u l-konvenut. Kulħadd jaqbel li mart il-konvenut ma kellha xejn x'taqsam magħha. Huwa minnu illi din ġiet imħarrka bħala komparteċipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti bejnha u żewġha u mhux għax kienet involuta fil-ġlieda in kwistjoni. Imma għal danni bħal dawn, kuntrarjament għal każ ta' djun emanenti minn xi negozju, li jistgħu jaqgħu taħt il-komunjoni ta' l-akkwisti, irid iwieġeb biss dak li kien direttament responsabbli għalihom, u l-komunjoni ta' l-akkwisti ma tidħol xejn. Hemm lok għalhekk li l-konvenuta tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

Niġu issa għall-konsiderazzjoni tal-mertu. Il-glieda mertu tal-kawża nqalgħet fl-okkażżjoni ta' tiġrijiet taż-żwiemel li kienu qed jiġu organiżżati fil-festa ta' Sannat tas-sena

1997. L-attur kien ġerrej u l-konvenut wieħed mill-*judges* u organiżżaturi ta' dawn it-tiġrijiet. Hekk kif kienet waslet biex titlaq il-ħdax il-korsa, inġibdet l-attenzjoni ta' hu l-attur, Mario Cauchi, li ż-żiemel tiegħu ma kellux in-numru imdendel kif suppost. L-attur għadda xi kummenti ndirizzati lejn il-konvenut, li ġie avviċinat mill-attur u ħutu jxejru bil-frostin taż-żwiemel li kellhom f'idejhom, u fil-kommozzjoni li nqalgħet il-konvenut ta daqqa ta' ponn, bil-konsegwenza li l-attur intaqgħat f'wiċċu u ġarrab xi feriti.

Kif rajna, il-konvenut isostni li ma kienx hu li pprovoka l-ġlieda u dak li għamel kien biex jirrespinġi l-aggressjoni ta' l-attur . Ġie mfisser f'dan ir-rigward fid-dottrina illi: "*Il requisito della necessita' si risolve in quello della inevitabilita' del male minacciato…Se al male che ci si minaccia potevamo sottrarci altrimenti che col violare la legge, la violazione deve rimanere imputabile perche' l'arbitrio dell'agente non era piu' ristretto fra la scelta di due mali ugualmente gravi; e la legge dell'ordine poteva essere osservata poiche' egli elegesse il mezzo innocente col quale avrebbe evitato e il danno proprio e l'altrui. Ond'e' che per lo stesso autore il male deve essere assoluto, presente ed improvviso*." [1]

Hekk ukoll intqal mill-qrati tagħna illi: "*Fost l-elementi li huma meħtieġa biex tiġi akkordata l-iskriminanti tal-leġittima difiża hemm il-fattur tal-inevitabbilita', u mingħajr il-konkors ta' dan il-fattur ma tistax tingħata dik l-iskużanti*." [2]

Mill-provi prodotti fil-kawża kriminali li kienet saret in konnessjoni ma' dan l-inċident, (għax fil-kawża preżenti ma tressqu ebda provi oħra),[3] jirriżulta li **l-attur** spjega l-akkadut bil-mod segwenti: " …*Konna ppreparati, u ġie ċertu Nazju jissaħħan mat-tifel, Nazju Pace, għedtlu, 'Nazju, aqtagħha, ha neħilsu, ma mmorru issa.' U qabad u tani daqqa ta' ponn, fetaħli wiċċi. Daqshekk rajt jien, sur*

[1] Digesto Italiano, voce: Difesa Legittima, Stato di Necessita' ,vol. IX pte. 2 pag. 407 para. 139 .
[2] Appell Krim. Pulizija vs Emily Zarb :1 5.2.1958 .
[3] ara provi mressqa fil-kawza : Pulizija vs Ignazio sive Nazju Pace, deciza fl-4 ta' Gunju 1999; kopja ta' l-atti relattivi tinsab esebita a fol. 97 - 107 u 158 - 266 .

*Maġistrat, għax imlieni bid-demm. Kissirli mnieħri, u għamilli ħafna punti hawn*." [4]

**Il-konvenut** da parti tiegħu xehed hekk **:** " …*Kif bdejna t-tiġrija Mario Cauchi qabad joffendina…Imbagħad jiena bgħatt għas-surġent u lill-Pulizija biex iwissuh. Sadanittant ġie ħuħ Peppi…Mario Cauchi kien imbiegħed minna, ... ġo n-nies… kellu xi żiemel miktub u dan iż-żiemel forsi kellu n-numru ħażin. U sadanittant ġie ħuħ Peppi u qabad jinsulentani għal xejn. Għidtlu dan minflok il-pjaċir li għamiltilkom, ktibtilkom ħames bhejjem…Imbagħad dan Peppi qabad jinsulentani b'ommi u xejjirli daqqa ta' frustin.., u jiena ddefendejt ruħi u qabżu ħutu għalija t-tlieta… laqatni ġo wiċċi …Ma nafx, jiena xejjirt, qabżu ħutu fuqi, t-tlieta u jiena xejjirt b'idejja biex neħles minnhom …iva xejjirt daqqa ta' ponn …jiena naf li lqattu fil-crash helmet* (lil Peppi Cauchi)… *fuq il-ġnub…Fis-siegħa u l-ħin insib lil ħutu jagħtuni bil-frustini u ġew il-pulizija fuqhom*." [5]

**P.S. 771 Raymond Mifsud** spjega illi qabel ma bdiet il-ħdax it-tiġrija kien hemm xi għajjat 'l fuq minn fejn kienu l-Pulizija u sema' lil Mario Cauchi jgħajjar lil ċertu "Toni ta' Puta" li kien qed jorganiżża t-tiġrijiet, u marru jkeċċuh minn hemm. Reġgħu resqu 'l isfel fejn kien qed isir it-tluq u semgħu l-għajjat. "… *fil-fatt waqt l-għajjat kien hemm tixjir ta' frustini, żwiemel jisfrattaw u jogħlew, u kien hemm fil-fatt Nazju illi xejjer ukoll daqqa ta' ponn….lil Joseph Cauchi*." [6]

**PC 865 Joseph Attard** kien ordnat jagħmilha ta' *starter* għat-tlielaq u x'ħin kienu waslu għall-ħdax it-tiġrija, hu u s-surġent Mifsud li kienu fuq il-linja fejn jitilqu l-bhejjem, semgħu xi storbju u għajjat. "…*x'ħin ilħaqt fuq il-post tal-inċident, rajt lil Nazju Pace, xejjer daqqa lil Joseph Cauchi u Joseph Cauchi jgħolli l-frustin; żwiemel jogħlew fuqna kien hemm dak il-ħin; għax kien hemm tlett żwiemel ħa jieħdu parti f'din it-tigrija, u ppruvajna nferrquhom, bħalma fil-fatt għamilna; fraqna ż-żewġ partijiet, sewwa lil Nazju u*

[4] a fol. 219 .
[5] a fol. 265 – 266 .
[6] a fol. 159 – 160 .

*sewwa lin-naħa l-oħra*." [7] Mitlub jerġa' jispjega l-azzjonijiet tal-kontendenti, x-xhud spjega: "…*rajt lil Nazju xejjer daqqa fid-direzzjoni ta' Cauchi, rajt lil Cauchi jgħolli idu hekk… għolla l-frostin fid-direzzjoni ta' Pace, u laqgħa b'idu hekk*…". [8]

Huwa evidenti minn din ix-xhieda li x'ħin xejjer id-daqqa ta' ponn li laqtet lill-attur, il-konvenut kien qed jiddefendi ruħu mill-agressjoni ta' l-istess attur u ħutu li daru miegħu ixejru l-frostin fid-direzzjoni tiegħu. Nazju Pace ma kellu xejn f'idejh u pprova  jiddefendi ruħu bl-unika mezz li seta' dak il-ħin u ċioe' bl-użu ta' jdejh. Jidher li l-inċident beda għax il-konvenut għamel dmiru bħala wieħed mill-*judges* u ġibed l-attenzjoni ta' ħu l-attur għal xi nuqqas li kien hemm fir-regolamenti, imma l-attur u ħutu, fit-tensjoni tal-mument, ma kienux lesti jaċċettaw min jagħmlilhom osservazzjoni bħal din.  Jirriżulta għalhekk illi, fiċ-ċirkostanzi, r-reazzjoni tal-konvenut kienet ġustifikata u inevitabbli bħala każ tipiku ta' *legittima difesa*, bil-konsegwenza illi għall-feriti li ġarrab l-attur jaħti huwa stess.

Konsegwentement mhuwiex il-każ li jiġi ndagat x'debilita' permanenti seta' ġarrab l-attur, u lanqas li jiġu likwidati d-danni.

Għal dawn il-motivi, filwaqt illi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u tillibera lill-konvenuta Maria Assunta Pace mill-osservanza tal-ġudizzju, tilqa' wkoll l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fuq il-mertu, u tiċħad it-talbiet attriċi.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[7] a fol.. 173 – 174 .
[8] a fol. 183 – 184 .